MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 166/2011

**Anthony Micallef u James Smith**

**Vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Anthony Micallef u James Smith fit-30 ta' Mejju 2011 permezz ta' liema jitolbu li t-Tribunal ihassar u jirrevoka l-multa amministrattiva imposta mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta b'decizjoni datata 28 ta' April 2011, bl-ispejjez kontra l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 3 sa' 5 tal-process;

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta pprezentata fil-21 ta' Gunju 2011 permezz ta' liema topponi ghat-talba tar-Rikorrenti u titlob li l-istess tigi

michuda, bl-ispejjez kontra taghhom, stante li: (i) it-talba tar-Rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li hekk kif l-Awtorità giet a konoxxenza tal-fatti migjuba quddiemha wara li saret spezzjoni fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni DEE-222, hija qdiet l-obbligi u d-doveri mistennija minnha skond il-Ligi relattiva; (ii) il-Ligi in kwistjoni, ossia l-Avviz Legali 43 ta' l-2008 u l-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 huma tassattivi fis-sens illi una volta li persuna tikser il-kondizzjonijiet stipulati fihom l-Awtorità ghandha idejha marbutin bil-Ligi peress illi l-Ligi timponi fuqha li tali persuna ghandha tinghata punti ta' penalità u thallas il-multa amministrattiva korrispondenti; u li (iii) id-decizjoni taghha hija gusta, legali u ghandha tigi kkonfermata;

Sema' x-xhieda ta' Anthony Micallef moghtija waqt is-seduta tas-6 ta' Dicembru 2011[1], ix-xhieda ta' Clayton Zerafa moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2012[2] u ra d-dokument esebit minnu waqt l-imsemmija seduta markat Dok. "CZ1" a fol. 25 tal-process, u sema' x-xhieda ta' Frank Xuereb moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Mejju 2012[3];
Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B'avviz datat 28 ta' April 2011[4] l-Awtorità intimata gharrfet lil Anthony Micallef bhala *contracted operator* li b'referenza ghall-VRT test li sar fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni DEE-222 *on the 27th April 2011 the Transport Malta Technical Unit Officers had carried out a post VRT inspection on the above mentioned vehicle. The VRT test was conducted in your station on the 21st April 2011 and issued a pass certificate No. C 2585861 on the said vehicle. The test was conducted by your tester Mr James Smith Licence Number LTD 38/04/22. The following irregularities related to the VRT test were noted during the Transport Malta inspection. No official TM*

[1] Fol. 22 u 23 tal-process.
[2] Fol. 25A sa' 25H tal-process.
[3] Fol. 31 tal-process.
[4] Dok. "A" a fol. 3 tal-process.

*registration document was available prior and during the VRT test. Please be informed that according to Legal Notice 43 of 2008 and Subsidiary Legislation 65.15 Schedule 12 item 4 your Tester James Smith licence number LTD/38/04/22 is therefore being penalized the total points of 20 points (Twenty) that are equivalent to €220.*

Ir-Rikorrenti jikkontestaw din id-decizjoni ta' l-Awtorità intimata in bazi ghall-affermazzjoni li ghalkemm sid il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni DEE-222 ma kellhiex il-*log book* fil-pussess taghha dakinhar tal-VRT test, huma xorta wahda onoraw l-obbligi imposti fuqhom bil-Ligi stante li hadu l-informazzjoni dwar il-vettura mill-*cover note* tal-polza ta' assikurazzjoni ta' l-istess vettura u minn tali informazzjoni ivverifikaw, mas-sistema ta' l-Awtorità intimata, kemm in-numru tal-magna kif ukoll in-numru tax-*chassis* tal-vettura.

Fir-Rikors promotur ir-Rikorrenti jikkontendu li *mill-informazzjoni mittiehda mill-istess cover note ir-rikorrenti setghu jivverifikaw li kemm in-numru tal-magna kif ukoll in-numru tax-chassis tal-vettura li fuqha kellu jsir il-VRT test kienu jaqblu mhux biss ma dawk indikati fil-cover note izda anke fuq il-kopja tal-log book illi r-rikorrenti kienu ottjenew tramite s-sistema online li huma ghandhom direttament ma' l-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta u li ghaliha huma registered users. Din l-informazzjoni ma tistax ma tkunx identika ghal dik mahruga mill-Awtorità direttament lil sid il-vettura billi s-sistema kollha hija kompjuterizzata u bl-ebda mod ma jista' jsir tbabis fiha.* Meta xehed quddiem it-Tribunal waqt is-seduta tas-6 ta' Dicembru 2011[5], ir-Rikorrent Anthony Micallef ikkonferma li *meta giet biex taghmel l-ewwel test il-klijenta ma kelliex il-log book fuqha, jiena t-test bdejt biex naghmlu xorta wahda ghar-raguni li l-informazzjoni tal-vettura gibtha minn fuq l-online website tal-Awtorità kif ukoll mill-assikurazzjoni li kellha l-klijenta li kif gja ghedt meta qabbilt din l-informazzjoni kollha ma' l-informazzjoni fuq il-vettura u l-magna u is-chassis kollox kien jaqbel. Kieku*

[5] Fol. 22 u 23 tal-process.

*kien hemm xi haga mill-informazzjoni li ma kienetx taqbel, kieku lill-klijenta kont nibghatha ggib il-log book qabel isir it-test*. *L-access ghal din il-website partikolari huwa ristrett ghall-operaturi tal-VRT stations u fil-fatt ahna ghandna licenzja appozita li tippermettielna jkollna access ghaliha. Fi ftit kliem din mhijiex accessibbli mill-pubbliku in generali. Bhala hlas per se fuq l-uzu tal-website però meta tigi imgedda l-licenzja jigi mgedded il-permess taghna biex inkunu nistghu naccedu ghaliha. Kull VRT station ikollha l-username u l-password taghha biex tkun tista' taccedi ghal din il-website. Malli jkollna access ghal din il-website din hija fuq bazi ta' read only jigifieri ma nkunux nistghu ndahhlu informazzjoni ohra*.

L-Awtorità intimata da parte taghha tikkontendi li meta r-Rikorrenti pprocedew biex jaghmlu l-VRT test tal-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni DEE-222 ghad li sidha ma kellhiex il-*log book* maghha, huma effettivament ivvjolaw ir-Regolamenti dwar Testijiet Biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba ghat-Triq. Clayton Zerafa, Ufficjal ta' l-Awtorità intimata, espressament iddikjara li *biex tittestja vettura jrid ikollha log book irregistrat. Iva jkun irid ikollu log book in hand biex tkun tista' taghmel l-ispezzjoni tal-vettura*[6]. L-Awtorità intimata ghalhekk tishaq li d-decizjoni taghha fil-konfront tar-Rikorrenti hija wahda gusta u legalment korretta.

Wara li ezamina r-Regolamenti dwar Testijiet Biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba ghat-Triq, Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, kif fis-sehh fiz-zmien meta gie esegwit il-VRT test fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni DEE-222, kif ukoll il-Manual utilizzat mill-VRT stations ghall-finijiet li jigu esegwiti VRT tests fuq vetturi, it-Tribunal ma jistax ma jesprimix il-perplessità tieghu ghall-posizzjoni adottata u konsegwenti decizjoni mehuda mill-Awtorità intimata fil-konfront tar-Rikorrenti f'dan il-kaz.

Kif appena osservat, l-Awtorità intimata tippretendi li operaturi ta' VRT stations u VRT testers ghandhom

---

[6] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2012Fol. 25A sa' 25H tal-process.

b'obbligu jiddezistu milli jesegwixxu VRT test fuq vettura meta sidha ma jipprezentax il-*log book* tal-vettura. Minn qari tar-Regolamenti dwar Testijiet Biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba ghat-Triq, u partikolarment minn qari tar-Regolament 16 li ghalih ghamel referenza Clayton Zerafa fix-xhieda tieghu, tali obbligu pretiz mill-Awtorità intimate però ma jirrizultax.

Fiz-zmien meta gie esegwit il-VRT test fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni DEE-222 ir-Regolament 16 tar-Regolamenti dwar Testijiet Biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba ghat-Triq kien jipprovdi li *operatur taht kuntratt* ***ma jkunx obbligat***[7] *li jaghmel test fuq vettura tal-mutur meta – (a) l-applikant, meta jgib il-vettura ghat-test, ma jurix, wara li jigi mistoqsi biex jaghmel hekk, id-dokument ta' registrazzjoni ta' vettura li ghandu x'jaqsam mal-vettura, jew juri dokument ta' registrazzjoni ta' vettura li d-dettalji tieghu ma jkunux jaqblu mad-dettalji korretti tal-vettura li tingieb ghat-test*[8]*; (b) il-vettura jew xi parti taghha jew xi taghmir minn taghha hu daqshekk mahmug li jkun difficli li jsir test skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti; (c) il-persuna licenzjata biex tittestja ma tistax, bil-facilitajiet u l-apparat li ghandha fil-post fejn li kieku kien mod iehor kien isir it-test, tikkompleta t-test minghajr ma' l-vettura tigi misjuqa u l-vettura, meta tingieb ghat-test, ma tistax tigi misjuqa, jew minhabba nuqqas ta' petrol jew zejt jew ghal xi raguni ohra, ghal dik id-distanza li tkun mehtiega ghall-ghanijiet tat-test; u (d) qabel ma jsir test ta' vettura bil-mutur xi oggetti li jkunu fil-vettura, u li ma jifformawx parti mit-taghmir jew accessorji taghha, huma mehtiega, mill-persuna li tittestja jew mill-ispettur, li jigu imnehhija mill-vettura jew li jigu mistura b'dak il-mod li jista' jahseb li jkun mehtieg, u dawn l-oggetti ma jigux hekk imnehhija jew mistura*.

Minn dan ir-Regolament johrog car li f'kaz li sid il-vettura jersaq ghal VRT test minghajr il-*log book* tal-vettura l-operautr tal-VRT station jista' jaghzel li ma jaghmilx dak it-test fuq il-vettura izda, imkien ma jipprovdi li l-operatur tal-

---

7 Enfasi u sottolinear tat-Tribunal.
8 Sottolinear tat-Tribunal.

VRT station huwa f'tali cirkostanza projbit milli jaghmel il-VRT test jew obbligat li ma jaghmilx tali test.

Fil-fehma tat-Tribunal, kuntrarjament ghal dak pretiz mill-Awtorità intimata dan ir-Regolament jaghti lill-operatur tal-VRT station ghazla dwar kif ghandu jipprocedi meta ma jigix ipprezentat il-*log book* tal-vettura li jkun ser isirlha l-VRT test. F'tali cirkostanza jista' jaghzel li ma jesegwix il-VRT test – ghax mhux hekk obbligat li jaghmel – izda jista' daqstant iehor jaghzel li jipprocedi bil-VRT test jekk l-informazzjoni li huwa obbligat jivverifika jkun jista' jivverifikaha minn dokument accettabbli iehor li jigi ipprezentat minn sid il-vettura – bhalma hija ad ezempju il-*cover note* tal-polza ta' assikurazzjoni li jkun fiha d-dettalji tal-vettura, hekk kif gara fil-kaz in ezami.

Ladarba bis-sahha tar-Regolamenti dwar Testijiet Biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba ghat-Triq operatur ta' VRT station ghandu ghazla dwar kif jipprocedi f'kaz fejn sid il-vettura jipprezenta ruhu ghall-VRT test minghajr *log book*, l-Awtorità intimata ma tistax tippenalizza lil dak l-operatur li jaghzel li jipprocedi bil-VRT test billi jaghmel il-verifiki mehtiega permezz ta' dokument accettabbli iehor li ma huwiex il-*log book*, hekk kif ghamel ir-Rikorrent Anthony Micallef fil-kaz in ezami. Fil-fehma tat-Tribunal meta settur partikolari jkun regolat b'Regolamenti *ad hoc* l-Awtorità pubblika responsabbli minn tali settur ma tistax tippretendi li timplimenta u tenforza *policies* li ma jirrizultawx mir-Regolamenti stess u li addirittura huma konfliggenti ma' tali Regolamenti, u dana partikolarment meta allegata vjolazzjoni ta' tali *policies* twassal ghal sanzjonijiet ta' natura punittiva.

Jigi osservat illi r-Regolament 10(p) tar-Regolament dwar Testijiet Biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba ghat-Triq jipprovdi li *l-operatur m'ghandu jirrifjuta ebda test fuq xi vettura ta' kull zmien, marka jew tip li tkun fil-klassijiet li ghalihom tkun giet moghtija l-awtorizzazzjoni, hlief f'dawn ic-cirkostanzi li gejjin: (i) <u>meta d-dettalji imnizzla fid-dokument tar-registrazzjoni ma jaqblux mad-</u>*

*dettalji korretti tal-vettura*[9]. Minn dan ir-Regolament huwa evidenti li meta d-dettalji fornuti lill-operatur tal-VRT station ma jaqblux mad-dettalji korretti tal-vettura – dawn naturalment kif jirrizultaw mis-sistema ta' l-Awtorità intimata – hemmhekk l-operatur ma ghandux jippermetti li jigi esegwit it-test u f'kaz li jipprocedi ciò nonostante jkun in vjolazzjoni flagranti ta' dak ir-Regolament. In-nuqqas tal-prezentata tal-*log book* però mhux necessarjament iwassal ghall-applikazzjoni jew addirittura ghall-vjolazzjoni ta' dan il-provvediment ghaliex ir-Regolamenti dwar Testijiet Biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba ghat-Triq ghandhom jinqraw u jigu ikkunsidrati flimkien u mhux kull wiehed minnhom izolatament mill-ohrajn.

Ghalhekk fid-dawl ta' dak osservat dwar ir-Regolament 16 tar-Regolamenti dwar Testijiet Biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba ghat-Triq, jekk jigi provdut dokument iehor accettabbli – bhalma hija *cover note* tal-polza ta' assikurazzjoni tal-vettura li hija appuntu d-dokument ufficjali li jipprova l-hrug ta' polza ta' assikurazzjoni fuq il-vettura u tindika d-dettalji ta' l-informazzjoni li jkun fih ic-certifikat ta' assikurazzjoni – minn fejn jirrizultaw id-dettalji tal-vettura u l-operatur tal-VRT station ikun jista' jivverifika u bhala fatt jivverifika l-korrettezza tad-dettalji tal-vettura in kwistjoni, huwa ma jkunx naqas mill-obbligi tieghu kif imposti fuqu bir-Regolamenti in kwistjoni. Naturalment is-sitwazzjoni tkun ferm differenti jekk l-operatur tal-VRT station jistrih biss fuq dak li tghidlu verbalment il-persuna li tipprezenta ruhha bil-vettura ghall-VRT test jew fuq dokument li ma jkollux portata ufficjali bhalma ghandha ad ezempju l-*cover note* ta' polza ta' assikurazzjoni tal-vettura. F'tali cirkostanza l-operatur tal-VRT station ikun obbligat li ma jesegwix il-VRT test fuq il-vettura in kwistjoni u jekk jipprocedi bit-test ikun qed jikser l-obbligi imposti fuqu u jesponi ruhu ghad-debiti sanzjonijiet da parte ta' l-Awtorità intimata.

Ghall-fini li jiddetermina l-korrettezza o meno tad-decizjoni ta' l-Awtorità intimata fil-konfront tar-Rikorrenti t-Tribunal

---

[9] Sottolinear tat-Tribunal.

ikkonsidra wkoll l-obbligi generali imposti kemm fuq operaturi ta' VRT stations – Regolament 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 – kif ukoll fuq VRT testers – Regolament 14 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 – bir-Regolamenti dwar Testijiet Biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba ghat-Triq, u dana anke fid-dawl tal-fatt li t-tester James Smith gie penalizzat b'20 punti ta' penali skond ir-raba' partita tat-Tnax-il Skeda tar-Regolamenti imsemmija. Ciò nonostante però xorta wahda ma jistax jikkondividi l-konkluzzjoni raggunta mill-Awtorità intimata li r-Rikorrenti ivvjolaw l-obbligi taghhom skond dawk ir-Regolamenti u li konsegwentement ghandhom jigu ppenalizzati.

Ghalkemm ir-Regolament 10 li jittratta dwar l-obbligi imposti fuq l-operatur ta' VRT station jipprovdi fost affarijiet ohra li: (a) *operatur ghandu jkun kompletament responsabbli ghall-proceduri kollha ta' testijiet li jsiru fl-istazzjon*[10]*;* u (b) *l-operatur ghandu josserva f'kull hin ir-regolamenti u standards dwar it-testijiet tal-vetturi biex jizguraw li dawn huma tajba ghat-triq skont dawn ir-regolamenti u approvati mill-Awtorità*[11] u r-Regolament 14 li jittratta dwar l-obbligi imposti fil-VRT tester jipprovdi fost affarijiet ohra li: (a) *il-persuna li tittestja ghandha taghmel testijiet ta' vetturi bil-mutur ta' dik il-klassi li hija kwalifikata u registrata biex tittestja, u ghandha, dwar l-affarijiet l-ohra kollha, thares kull wahda mid-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, kif dawn japplikaw ghal persuna li tittestja*[12]; (b) *il-persuna li tittestja ghandha thares, f'kull hin, ir-regolamenti u standards li ghandhom x'jaqsmu ma' testijiet li jiccertifikaw li l-vettura hija tajba ghat-triq kif stipulat f'dawn ir-regolamenti w approvati mill-Awtorità*[13]; u li (c) *il-persuna li tittestja ghandha tikkonsulta u timxi ma' standards stabbilit fil-manwali approvati u akkreditati dwar testijiet*[14], mill-gdid jigi ribadit li fid-dawl ta' dak osservat dwar ir-Regolament 16 tar-Regolamenti dwar Testijiet Biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba ghat-Triq, it-Tribunal ma jsibx li r-Rikorrenti jew xi hadd

[10] Regolament 10(a).
[11] Regolament 10(k).
[12] Regolament 14(a).
[13] Regolament 14(b).
[14] Regolament 14(c).

minnhom agixxa kuntrarjament ghall-obbligi rispettivament imposti fuqhom bir-Regolamenti imsemmija.

Ghalkemm sid il-vettura pprezentat ruhha ghall-VRT test tal-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni DEE-222 minghajr il-*log book*, mix-xhieda tar-Rikorrent Anthony Micallef, liema xhieda ma giet bl-ebda mod kontradetta mill-Awtorità intimata, jirrizulta li d-dettalji tal-vettura in kwistjoni fi kwalunkwe kaz gew debitament ivverifikati kif rikjest mill-Ligi u dana billi d-dettalji tal-vettura kif rizultanti mill-*cover note* tal-polza ta' assikurazzjoni – li kif inghad huwa dokument li ghandu portata ufficjali – gew ivverifikati mad-dettalji tal-vettura fis-sistema ta' l-Awtorità intimata, liema sistema hija appuntu disponibbli lill-operaturi ta' VRT stations biex isiru dawn il-verifiki. Fid-dawl tax-xhieda moghtija minn Anthony Micallef ma jirrizultax li t-tester James Smith kiser il-kondizzjoni elenkata fir-raba' partita tat-Tnax-il Skeda tar-Regolamenti dwar Testijiet Biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba ghat-Triq kif fis-sehh fiz-zmien li gie esegwit il-VRT test fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni DEE-222[15]. Din il-partita fil-fatt kienet tipprovdi li t-tester ghandu jigi ppenalizzat jekk *tonqos milli tesegwixxi korrettement il-procedura tat-test kif stipulat fil-manwal tal-VRT u l-emendi li jkunu saru ghalih jew li ddahhal data korretta tal-vettura kif stipulat fil-manwal tal-VRT jew li twettaq mhux kif suppost proceduri marbuta mat-test (jigifieri, ma tirregistrax id-data tal-vettura qabel ma taghmel it-test fuq dik il-vettura partikolari).*

Apparte l-fatt li mill-provi prodotti ma jirrizultax li r-Rikorrenti jew xi hadd minnhom, senjatament James Smith naqas milli jirregistra d-*data* tal-vettura qabel ma ghamel it-test fuq dik il-vettura partikolari anzi jirrizulta piuttost il-kuntrarju, huwa opportun li jigi osservat li skond l-**MOT Inspection Manual** li fuqu jsiru l-VRT tests hawn Malta *the reasons for refusing to carry out the test are: a. The log book/registration certificate or other evidence*[16] *of the date of first use is not produced if the information*

---

[15] Avviz Legali 43 ta' l-2008.
[16] Sottolinear tat-Tribunal.

*therein, is necessary for the test to be carried out*[17]*.* Fil-fehma tat-Tribunal huwa kontro-sens li VRT tester jigi dirett li jsegwi l-VRT manual rikonoxxut u adottat mill-Awtorità u imbaghad l-istess Awtorità tippenalizzah ghaliex uza *other evidence* li ma hijiex il-*log book* tal-vettura biex issir il-verifika tad-dettalji tal-vettura in kwistjoni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal iqis li l-Appell interpost mir-Rikorrenti mid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata fil-konfront taghhom huwa justifikat u jisthoqq li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-Appell interpost mir-Rikorrenti mid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata notifikata lil Anthony Micallef b'avviz datat 28 ta' April 2011, u jirrevoka u jhassar tali decizjoni u konsegwentement jikkancella l-20 punti ta' penalità u l-multa amministrattiva ta' €220 imposti b'dik id-decizjoni.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta' l-Awtorità intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[17] Para. 2a – Refusal to Test.